# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 101/2017

Seduta tat-03 ta' Mejju 2019

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Alexia Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Alexia Falzon, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 125093 M akkużata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-12 ta' Ġunju 2016 għall-ħabta ta' 5:15 hrs fix-Xatt ta' San Ġorg, San Ġiljan:

(1) Saqet jew ppruvat issuq, jew kellha kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fi triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kenitx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi. (Kap 65 Artiklu 15A (1) )

(2) Saqet jew ppruvat issuq, jew kellha kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fi triq jew f'post pubbliku wara li kkonsmat tant alkolħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun iżjed mill-limitu preskritt (Kap 65 Artiklu 15B (1) )

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemija persuna tiġi skwalifikata mill-Liċenzja tas-sewqan għal-perjodu ta' żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-28 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputata Alexia Falzon

ħatja tal-akkuża numru wieħed (1) u illiberata mill-akkuża numru tnejn (2). Immultatha multa ta €1,200.00 liema multa kellha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100.00 fix-xahar, l-ewwel pagament jsir fil-1 ta' Mejju 2017. B'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor. Il-liċenzja tas-sewqan ma gietx sospiża.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alexia Falzon, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Marzu, 2017, talbet lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u tiddikjaraha mhux ħatja u tilliberaha minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti tilmenta illi hija qatt ma setghet tigi misjuba hatja tar-reat mahsub fl-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta abbazi ta' xiehda ta' ufficjal wiehed tal-pulizija li stqarr li meta hija giet imwaqqfa xamm riha ta' xorb alkoholiku fin-nifs taghha. Tishaq illi din il-prova kienet wisq fjakka sabiex jigi stabbilit lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi hija kienet ikkunsmat xi xorb alkoholiku u li dan kien f'livell tant gholi li naqssilha il-kapacita' li tkun tista' issuq il-vettura taghha minghajr periklu. Dan iktar u iktar meta ma kienx hemm il-prova tat-test tan-nifs li seta' jistabbilixxi dan il-

fatt b'mod inkonfutabbli.

Illi din il-Qorti tibda biex tosserva illi l-appellanti giet misjuba hatja unikament tar-reat mahsub fl-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux ukoll tar-reat mahsub fl-artikolu 15B, liema akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni. Illi allura kien biss ir-reat mahsub f'dan l-ahhar imsemmi artikolu tal-ligi li kien jenhtieg il-prova dwar it-test tan-nifs.

Illi l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li ghaliha tirreferi l-ewwel imputazzjoni jaqra hekk:

> **"(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi. (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa."**

Illi l-gurisprudenza tghallem li:

> **"Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Pace, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C.** [1]

Illi l-gurisprudenza tghallem ukoll li ghalkemm ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx, madanakollu:

> **Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun**

[1] Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001

**involuta f'incident awtomobilistiku.”** [2]

Dak li kellu jigi stabbilit allura, skont it-taghlim gurisprudenzjali surriferiet huwa jekk l-kumpless tal-provi kenux sufficjenti sabiex iwasslu lill-Ewwel Qorti ghall-konkluzjoni b’sahhitha li l-appellanti kienet xurbana fil-waqt li kienet qieghda issuq, u li l-istat taghha ta' sokor kien tali li affettaw l-mod tas-sewqan taghha u dana indipendentement mill-fatt jekk hija irrifjutat taghmel it-test tan-nifs o meno.

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-kuntistabbli tal-pulizija 1028 Christian Sciberras, li xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, illi meta l-appellanti giet imwaqqfa gie osservat minnu u mill-ufficjal tal-pulizija l-iehor li kien qed jakkompanjah illi hija kellha riha qawwija ta’ alkholol tant illi huma talbuha toqghod ghat-test tan-nifs, li mandanakollu hija minnufih irrifjutat li taghmel. Mhux biss izda meta tallbuha tohrog mill-vettura osservaw illi l-komportament taghha kien indikattiv tal-fatt illi hija kienet xurbana. Fil-fatt huma tawha istruzzjonijiet sabiex ma issuqx il-vettura. Dawn l-fatturi allura iwasslu lil din il-Qorti sabiex tabbraccja l-apprezzament u il-konkluzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha u cioe’ illi l-appellanti ma kenitx fi stat li isuq minhabba li kienet taht l-influwenza tal-alkohol. U dan indipendentement mill-fatt illi hija irrifjutat li toqghod ghat-test tan-nifs fejn allura tiskatta l-presunzjoni legali stabbilita fl-artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65. Kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ‘il ghala ghandha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Illi finalment jigi osservat illi kien bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni u id-Difiza illi l-kuntistabbli 0033 Alexander Sellar ma xehedx billi dan kien ser jixhed l-istess fatti li espona il-PC1028 fix-xiehda tieghu. Dan jirrizulta mix-xiehda dattilografata ta’ dan il-kuntistabbli[3] minn fejn johrog li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiza hassew li ma kienx hemm il-htiega li tinstema’ x-xiehda tieghu. Illi allura l-appellanti ma tistax issa fi stadju ta’ revizjoni tilmenta illi kien id-dmir tal-Prosekuzzjoni li tressaq lil dan ix-xhud u li l-Ewwel Qorti ma

[2] Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001
[3] Fol.11 tal-process

setatx tistrieh fuq dak mistqarr mill-uniku xhud tal-Prosekuzzjoni ghaliex din ma kenitx prova sufficjenti li fuqha giet imsejsa il-htija taghha. Fuq kollox xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed u sufficjenti sabiex il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha jekk tqies, fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi, li dik ix-xiehda hija wahda verosimili.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni tal-Ewwel Qorti ikkonfermata fl-intier taghha. L-ewwel pagament tal-multa inflitta ghandu jsir immedjatament.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur